

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-20 ta' Ġunju 2011****li taħtar żewġ membri Taljani u żewġ membri supplenti Taljani tal-Kumitat tar-Reġjuni**

(2011/375/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE⁽¹⁾ u 2010/29/UE⁽²⁾ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-periżodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Sergio CHIAMPARINO u s-Sur Savino Antonio SANTARELLA saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Luigi MONTANARO u s-Sur Giuseppe VARACALLI saru vakanti żewġ postijiet ta' membri supplenti.

ADOTTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jispiċċa fil-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

- Is-Sur Alessandro COSIMI, *Sindaco del Comune di Livorno*
- Is-Sur Roberto RUOCCO, *Vicesindaco del Comune di Cerignola (FG)*

u

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sinjura Laura ARDITO, *Consigliere comunale di Arese (MI)*
- Is-Sur Giuseppe VARACALLI, *Sindaco del Comune di Gerace (RC) (bidla fil-mandat).*

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgo, l-20 ta' Ġunju 2011.

Għall-Kunsill**Il-President**

MATOLCSY Gy.

⁽¹⁾ ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.⁽²⁾ ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.